MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
ANTHONY ELLUL**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 1077/2003

**Advantage Advertising Limited**

**vs**

**NMJ Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' hames mija u disa' u sittin lira Maltija u tletin centezmu (Lm569.30) rapprezentanti hlas ghal reklamar fil-Malta This Month.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta konvenuta giet debitament notifikata, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas dehret ghas-seduti.

Semgha x-xhieda mressqa mis-socjeta attrici.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b)

tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta' hames mija u disgha u sittin lira Maltija u tletin centezmu (Lm569.30), bl-imghax skond il-ligi.

L-ispejjez kollha huma ghak-karigu tas-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------